# Kunsill Lokali Mgarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*


ŻGHIR B'QALB KBIRA

## Seduta numru 15. Illum it-Tlieta, 30 ta' Gunju 2010

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 6 ta' Ġunju 2009, ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fis-6.15p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

Approvazzjoni tal-Minuti
Korrispondenza
Komunikazzjonijiet
Hatra ta' Segretarju Ezekuttiv
Progett ta' l-Unjoni Ewropeja Med- Cypfire
Tarmak fi Triq il-Kbira.
Affarijiet Mixxellanji

**PREŻENTI**

Is-Sindku Paul Vella, il-Viċi Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, Il-Kunsillier Giovanni Gatt, il-Kunsillier Maria Said

Is-Segretarju Ezekuttiv : Christine Lewis

Il-Laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku Paul Vella

**MINUTI**

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u, wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk ffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**2.0 Punti Mill-Minuti**

2.1 Il-Kunsillier Clayton Gauci informa li dwar il-pjan li jsir Abseiling mal-knisja, tal-Protezzjoni Civili se jigu fuq il-post biex issir spezzjoni, peress li jista' jkun hemm periklu. Il-Kunsill qabel li ghalissa din l-attivita tkun postposta.

2.2 Il-Kunsillier Giovanni Gatt informa li tal-landrovers ghandu jigi jara l-post. Il-Kunsillier Clayton qal li nistghu ninvolvu zghazagh Imgarrin li jesebixxu armar ta' karozzi ma din l-esebizzjoni tal-landrovers.

**Kunsill Lokali Mgarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*

2.3 Il-Vici Sindku qal li qed jghin fil-promozzjoni tal-festival 'Hidmet Missirijietna'. Se jkun hemm reenactment tal-qiegha f'ghalqa privata u se jkun hemm wirja ta' bhejjem, ghodod u snajja u bejgh ta' affarijiet bottiljati u ikla bil-majjal.

2.4 Is-Sindku nforma li tkellem mas-Sur Michael Farrugia, nhar is-Sibt 26 ta'Gunju, fejn kien hemm qbil li l-gabbani jigu armati fit-tarf ta' Triq Fisher, lejn Triq Kurat Chetcuti u Triq Sir Harry Luke. Se jsir ukoll tibdil fl-armar ta' l-istands tal-qubbajd. Il-Korrispondenza li ntbaghtet mill-ghaqda giet nulla peress li dak li qal is-Sur Farrugia ma kienx ta' l-istess opinjoni ta' l-ittra msemmija.

2.5 Il-Progett Youth gie approvat u gie ffirmat il-kuntratt, matul din il-gimgha. Il-Vici Sindku Eman Vella qed jikkordina l-programm ta' dawn iz-zghazagh u nforma dwar il-programm li se jigi mhejji ghalihom.

2.6 Il-Vici Sindku nforma li hdax il-zghazugh applikaw biex imorru Youth exchange fil-Polonja u qed isiru thejjijiet ghal din iz-zjara.

2.7 Saret laqgha mas-sidien tal-gabbani tal-festa u kien hemm qbil li jitmexxew aktar lejn Triq Kurat Chetcuti. Is-sidien tal-gabbani kienu lesti joffru donazzjoni lil-ghaqda kulturali festa Mgarr.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Il-Kunsill innota l-korrispondenza mibghuta mill-MEPA.

3.2 Inqrat ittra tas-Sur Agostino Ebejer, indirizzata lill-Editur tal-Migbha, il-Vici Sindku Eman Vella dwar punti li hass li ghandhom jigu msemmija fil-Migbha. Il-Kunsill iddiskutu dwar dawn il-punti u kien hemm qbil li se jitnizzlu uhud mill-punti msemmija fl-edizzjoni tal-Migbha li jmiss.

3.3 Is-Sindku ghaddha kopja tar-rapport SEAP ghall-attenzjoni tal-Kunsill, li se jghaddi ghall-attenzjoni ta' l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex tinforma dwar il-procedura tal-Patt tas-Sindki.

3.4 Giet innota ittra minn Nature trust dwar clean up li sar minn rapprezentanti ta' din l-ghaqda il-Hadd, 13 ta' Gunju Fomm Ir-Rih.

3.5 Se ssir applikazzjoni ta' l-Unjoni Ewropeja biex isiru pannelli solari fil-gnien ta' Triq Alwiza. Il-Meusac qed tghin fil-kompilazzjoni ta' l-applikazzjoni.

**4.0 Komunikazzjonijiet**

4.1 Il-Kunsillier Maria Said infurmat li fil-Bajja tal-Gnejna, waqt it-tindif li qed isir qed jithalla ammont ta' alka fuq ir-ramel, li qed jidher ikrah man-nies li jzuru din il-Bajja.

# Kunsill Lokali Mgarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*

ZGHIR B'QALB KBIRA

**5.0 Hatra ta' Segretarju Ezekuttiv**

5.1 IL-Kunsill ghamel shortlisting ta' hames kandidati mil-lista provduta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-Bord ta' l-ghazla kien iffurmat minn Mr Adrian Mifsud, President ta' l-assocjazzjoni tas-Segretarji Ezekuttivi, is-Sindku, il-Vici Sindku Eman Vella u l-Kunsillier Clayton Gauci. Tlieta ma kienux interessati jattendu ghall-Intervista.

5.2 Mit-tnejn li accettaw l-istedina ghall-Intervista, is-Sindku nforma li s-Sur Cyprian Dalli kien l-aktar persuna kompetenti mill-Intervisti li saru. Il-Kunsillieri prezenti qablu ma dan. Bhalissa s-Sur Dalli jahdem OPM u ghandu CV posittiva hafna, apparti esperjenza vasta ta' xoghol.

5.3 Il-Kunsill qabel unanimament li jinghazel is-Sur Cyprian Dalli biex jokkupa l-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv. Huwa se jigi nfurmat minnufih biex jigi stabbilit meta jista' jibda jokkupa din il-kariga.

**6.0 Progett ta' l-Unjoni Ewropeja Med-Cypfire**

6.1 Il-Vici Sindku nforma li waqt il-laqgha li kellu mas-Sindku Paul Vella f' Firenza mar-rapprezentanti tal-progett Cypfire, nhar il-21 u t-23 ta' Gunju, gie spjegat lilhom x'inhu mistenni minnhom ghal dan il-progett.

6.2 Il-Kunsill qabel li johrog sejha ghall-offerti ghall-grupp tekniku u awditur biex jiehu hsieb il-progett mil-lat tekniku.

6.3 Il-Kunsill irceva l-informazzjoni mitluba mis-Sur Shawn Vella, dwar is-servizzi tieghu bhala kordinatur tal-progetti ta' l-Unjoni Ewropeja li ghandu l-Kunsill Med; Biolmed u Cypfire.

6.4 Il-Kunsill qabel unanimament li jaccetta l-offerta tieghu ghal prezz ta' € 19.25 kull siegha li jahdem u jibda s-servizzi tieghu mill-1 ta' Lulju.

**7.0 Triq il-Kbira**

7.1 Is-Sindku nforma li s-Segretarjat Parlamentari ghad-Djalogu u Kunsilli Lokali qabel li jiffinanzja €25,000 biex issir resurfacing ta' Triq il-Kbira, filwaqt li l-Kunsill johrog il-bqija ta' l-ammont li se jammonta ghal madwar € 10,000. Il-Kunsill kien kuntent hafna b'din l-ahbar u se jinforma lis-Segretarjat biex jigi ffirmat ftehim bejn iz-zewg partijiet.

**8.0 Affarijiet Mixxellanji**

8.1 Resident fi Triq Bingemma talab biex jghaddi pipe ta' l-ilma fi Triq Bingemma mill-Madonna sal-Plier. Il-Kunsill qabel li dan ghandu japplika bil-proceduri normali ta' l-Awtorita dwar it-trasport.

8.2 Il-Kunsill approva l-lista ta' hlasijiet annessa ma dawn il-Minuti.

Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*

8.3 Il-Kunsillier Clayton Gauci nforma li se jikkordina kors dwar il-Food Handling ghar-residenti fil-Kunsill.

8.4 Il-Festival fil-Gnejna, organizzat mill-Kumitat zghazagh, li jinkludi Beachvolley u BBQ tmexxa ghal 12 sa l-14 ta' Lulju.

8.5 Il-Kunsillier Clayton Gauci nforma li qed jintrema ammont kbir ta' skart fil-Wied ta' Bingemma. Huwa gie assenjat jigbed l-attenzjoni tieghu.

8.6 Il-Kunsillier Giovanni Gatt informa li qed jintrema ammont ta' terrapien fejn Ta' Mahlutu f'Bingemma minn resident. Is-Sindku se jghaddi r-rapport lill-pulizija.

8.7 Il-Kunsill qabel li jerga' jaghti servizz tal-Comtec fi Triq il-Banjijiet Rumani.

8.8 Il-Kunsill qabel li jiftah l-offerta tal-gbir ta' skart organiku nhar l-Erbgha, fis-2p.m. Il-Kunsill se jiccekja jistax jattendi s-Sur Adrian Mifsud, President ASKLM ghal ftuh ta' din l-offerta.

8.9 Il-Laghqa ntemmet fit-8.01p.m.

9.0 Is-Sindku nforma li l-laqgha li jmiss se tigi mhabbra fil-granet li gejjin.

Christine Lewis
Agent Segretarju Ezekuttiv

Paul Vella
Sindku

***Sindku** : Paul Vella, **Vici Sindku** : Eman Vella*
***Kunsillieri** : Clayton Gauċi, Giovanni Gatt, Maria Said*
***Segretarju Ezekuttiv** : Christine Lewis Dip.Gen.Mgt.(MSM), MIM, PG Cert. in CSM (Leic.)*